MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Appell Kriminali Numru. 344/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. Mercieca)**
**Vs**

**Natale Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli b'diversi atti maghmulin mill-istess imputat ukoll jekk fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghad li ma kienx wiehed mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a)(b) u (c) tal-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, xjentement, ghen jew assista lill-awtur, cioe' lil Lorita Pace, fil-kommissjoni ta' zewg serqiet u/jew fl-atti li bihom l-imsemmija delitti gew ippreparati w/jew ikkunsmati, u cioe' :

1) fit-3 t'Ottubru, 2005, ghall-habta tas-7.00 p.m., f'serqa ta' flus minn Genesis Perfumery fi Triq il-Mensija, San Gwann;
2) fid-29 t'Awissu, 2005, ghall-habta tal-5.00 p.m., f'serqa ta' mobile phone ta' l-ghamla Samsung, mill-hanut "The Fixx" fi Triq ix-Xatt, Gzira, liema serqa hija aggravata bil-valur li ma teccedix l-elf lira Maltin;
3) fit-2 ta' Gunju, 2005, bejn is-1.30 p.m. u l-4.30 p.m., flimkien ma Alberta Amato, ikkommettew serq ta' flus mill-Ees N Jays Saloon fi Triq ic-Cieda, San Gwann;
4) fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula w;
5) kiser il-provvediment tal-Artikolu 28G tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza datata 23 ta' Settembru, 2005 meta huwa kien instab hati ta' ghadd ta' akkuzi ta' komplicita' f'serq u nghata sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghall-tlett snin taht ordni ta' supervizjoni, liema sentenza saret definittiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Ottubru, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 28A, 42(a)(b)(c), 49, 50, 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuza ta' serq mill-hanut "The Fixx" u "Ees N Jays Saloon" u lliberatu minnhom filwaqt li ddikjarat li sabitu hati tal-akkuza ta' serq semplici mill-fond "Genesis" f'San Gwann u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sitt xhur peress li sabitu hati wkoll talli huwa recidiv.
Dwar l-akkuza li huwa kkommetta reat waqt l-operat tas-sentenza sospiza, il-Qorti wkoll sabitu hati taghha w ghalhekk ordnat li s-sentenza ta' prigunerija moghtija permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Settembru, 2005, tigi fis-sehh u b'hekk l-imputat ghandu jaghmel tmintax il-xahar prigunerija b'kollox.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta' Dicembru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha

tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn huwa gie ddikjarat mhux hati w illiberat mill-akkuzi ta' serq aggravat bil-valur mill-hanut “The Fixx”, kif ukoll ta’ serq mill-hanut “Ees N Jays Saloon”, thassaraha w tikkancellaha fil-kumplament u cioe’ fejn gie misjub hati ta’ serq semplici mill-fond “Genesis” fit-3 t’Ottubru, 2005 kif ukoll illi huwa recediv ghal liema imputazzjonijiet huwa gie kkundannat sitt xhur prigunerija, kif ukoll fejn gie misjub hati talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza w gie ordnat sabiex is-sentenza ta’ prigunerija moghtija permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati nhar it-23 ta’ Settembru, 2005 tigi fis-sehh u biex hekk komplessivament ikkundannat ghal perjodu ta’ tmintax il-xahar prigunerija u minflok tilliberah minn kull htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- li l-appellant gie misjub hati erronjament ta’ serq fit-3 t’ Ottubru, 2005 u konsegwentement gie ukoll misjub hati erronjament li huwa recidiv u li kkommetta reat waqt periodu operattiv ta’ sentenza sospiza. L-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament ghal kollox skorett ta’ dak li ddeponiet l-unika xhud dwar is-serqa, Catherine Cachia w ghalhekk il-kundanna hija palezament *“unsafe and unsatisfactory*” . Dan mhux biss kaz ta’ apprezzament infelici tal-provi izda kaz ta’ zball car, gravi w manifest dwar dak li effettivament qalet ix-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni. L-uniku indizju skond l-Ewwel Qorti kien li l-appellant kien vicin il-*cash register*, mhux talli mhux univoku izda ma jezistix fil-konfront tal-appellant imma fil-konfront ta’ terza persuna.**

**Rat l-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan l-appell jirrigwarda l-apprezzament tal-provi traskritti fil-process li sar mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of***

***the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(Ara wkoll** BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **(1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt", **deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…… , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament ."*

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-unika imputazzjoni li nstab hati taghha l-appellant u cioe' dik ta' komplicita' fis-serq li allegatament sar fit-3 t' Ottubru, 2005 minn Genesis Perfumery, f'San Gwann.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-provi kontra l-appellant huma prova gejja mix-xhieda tas-salesgirl** Catherine Cachia**, li qalet li fit-3 t' Ottubru, 2005, kienu dahlu zewg persuni fil-Genesis Perfumery Mensija Road, San Gwann u wiehed minn dawn kien l-appellant Natale Bonello. Dan kien ghall-habta tas-6.50 pm. Hi ma rat lil hadd jiehu l-flus.** ***".... l-imputat bdiet izommni u ssaqsini biex tara l-fwieha u affarijiet ohrajn."*** **(Sic!). Il-persuna l-ohra qaghdet**

**vicin il-cash. Qalulha li kienu ser igibu l-flus mill-karozza u ma rritornawx. Nies ohra fil-hanut dak il-hin ma kienx hemm. Imbaghad meta fethet il-cash hi indunat li l-flus ma kienux hemm. Ittiehdulha Lm60. Dak in-nhar kienet kwieta hafna u kull minn dahal xtara w hallasha.** ***"….kif l-imputat u siehbu hargu mill-hanut, ma regghux irritornaw."*** **(Sic !). Lill-imputat fil-hanut qabel dak in-nhar ma ratux. L-imputat kien fil-prezenza ta' persuna ohra, kienu jitkellmu bejnithom u telqu ukoll flimkien.**

Jacqueline Cassar**, sid il-hanut, ikkonfermnat dak li kienet qaliltha Catherine Cachia.**

PS 419 Anton Buttigieg **xehed li fit-3 t' Ottubru, 2005, fis-7.30 pm kienet marret Catherine Cachia taghmel rapport fl-ghassa ta' San Gwann li ghall-habta ta' 6.40 pm kienu dahlu zewg tfajliet li wahda minnhom staqsietha biex taghzel xi fwejjah u l-ohra qadet hdejn il-bank. Wahda mit-tfajliet kienet qieghda hdejn il-bank. Wara li telqu 'l barra w ma xtraw xejn, indunat li kellha xi flus neqsin. Qalet li ma setax kien hadd iehor hlief dawn iz-zewg tfajliet ghax ma kien dahal hadd fil-hanut. Hadulha LM55.**

L-imputat **ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti pero' kien irrilaxxja l-istqarrija li tinsab a fols. 11 sa 14 tal-process. Fir-rigward tal-unika imputazzjoni li taghha nstab hati, l-appellant kien iddikjara li veru li hu kien mar fil-Genesis Perfumery fit-3 t' Ottubru, 2005. Hu kien mar hemm biex jixtri** ***treatment*** **ta' xaghru w** ***eyelashes*** **minhabba li kellu** ***show*** **is-Sibt ta' wara fid-Dragonara. Kienu marru hemm b' tal-linja hu w Lorita Pace, wara li kien iltaqa' maghha l-Belt ghall-habta tal-4.30 pm. Minn hemm Lorita baqghet sejra mieghu San Gwann fejn kien ser jaghti rigal lil missier il-*****partner*** **tieghu, Alberta Damato. Meta waslu San Gwann, hu ddecieda li jghaddi jixtri t-*****treatment*** **l-ewwel u fil-fatt dahal fil-*****perfumery*** **li ma jafx' x'jisimha, izda gieli kien dahal hemm qabel. Lorita dahlet mieghu. Ma kienx hemm klienti ohra fil-hanut u kif dahlu huma , kien hemm klienta li harget. Cahad li Lorita kienet qaltlu**

**minn qabel ma dahlu fil-hanut li kellha intenzjoni li tisraq il-flus. Veru li hu kien talab lis-*salesgirl* biex turih xi prodotti n-naha ta' wara tal-hanut, peress li l-*eyelashes* kienu fil-kxaxen, is-*shampoo* kien wara l-bank u l-fwejjah kienu imsakkra, hu kellu jitlob l-ghajnuna tas-*salesgirl*. Hu ma xtara xejn minn hemm dak in-nhar ghax ma kellux flus bizzejjed. Anzi ghax tal-hanut ma tiehux *cashlink* u hu kellu l-*cashlink* ta' Alberta. Ma jafx kienx saqsiha jekk tiehux *cashlink* lil tal-hanut qabel ma beda jixtri. Fuqu kellu LM7 flus kontanti u l-oggetti li kien ser jixtri kienu jammontaw ghall xi Lm15 zgur. Hu ddecieda li ma jixtri xejn meta s-*salesgirl* bdiet taghmillu l-kont u peress li hu kien jaf li m'ghandux flus bizzejjed, qalilha biex izzommhomlu w jghaddi aktar tard. Hi qaltlu li kienet ser tistennieh. Ma regax mar ghalihom ghax kif hareg mill-hanut sab lil Lorita aktar il fuq u qaltlu biex jirkbu tal-linja. Lilu Lorita ma qaltlux li kienet serqet il-flus mill-*cash register* . Hu ma kienx jaf b' dan qabel qalulu l-Pulizija. Mistoqsi mill-Ispettur ghaliex il-jum ta' qabel ma kienx qallu il-verita' u cioe' meta kien staqsieh jekk kienx dahal f' dan l-istabiliment, hu kien innega u qal li ma kienx ma Lorita, l-appellat wiegeb li kien ghamel hekk biex ma jtellifx il-plegg lil Lorita. Mistoqsi x' kienet ir-raguni ghala qaghad imur San Gwann biex jaghti zarbun rigal lil missier il-*partner* tieghu w biex jixtri u minn dan kollu ma ghamel xejn, l-appellant wiegeb li ghax Lorita qaltlu biex jitilqu. Lorita ma kienet qaltlu xejn x' kien gara w hu ma kienx jaf x' ser taghmel. Hu ma kienx jaf li ser terga tisraq. Meta l-Ispettur qallu li l-versjoni tieghu ma kienetx kredibbli, hu wiegeb li hu ma basarx li l-affarijiet li kien ser jixtri kienu gholjin daqshekk. Dawk il-prodotti li bdiet turih kienu naqra gholjin ghax kienu ta' ditti differenti. Hu xorta kien ser jixtrihom wara li jisselef minnghand omm Alberta. Mistoqsi jekk kienx komplici, wiegeb li hu ma jafx li nsterqu l-affarijiet.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif jissottometti l-appellant, hu minnu li l-Ewwel Qorti meta kienet qed tirriassumi l-provi , a fol. 11 tas-**

**sentenza appellata (Fol. 77 tal-process) qalet erronjament li "*Catherine Cachia tghid li l-imputat kien <u>vicin il-cash waqt li l-persuna l-ohra kienet fil-hanut ftit bogh</u>od".* Ziedet tghid ukoll li " *l-imputat fl-istqarrija tieghu jichad li fil-fatt seraq minn dan il-fond, <u>ghalkemm ma jichadx li kien vicin il-cash waqt li kien fil-hanut.</u>"* (sottolinear ta' din il-Qorti).**

**Wara din il-premessa s-sentenza appellata issegwi billi tghid li :-**

"Il-Qorti thoss li veru s-salesgirl ma ratux jisraq pero' c-cirkostanzi huma tali li jwasslu lil Qorti temmen li kien l-imputat li seraq lil Catherine Cachia. Fil-fehma tal-Qorti dawn huma provi cirkostanzjali li jwasslu lil Qorti sal-grad rikjest mill-ligi tghjd li kien l-imputat li seraq s-sittin lira li sabet nieqsa Catherine Cachia mill-cash."

Illi l-Ewwel Qorti jidher li giet zvijata mill-ambigwita' li hemm fit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Catherine Cachia fuq senjalata fejn tinghata l-impressjoni li l-imputat hu persuna ta' sess feminil li beda jzomm lis-salesgirl bid-diskors, fil-waqt li l-persuna l-ohra kienet ta' sess maskil "siehbu". Dan it-tahwid fit-traskrizzjoni x' aktarx li nduca lill-Ewwel Qorti biex tinverti r-rwoli rispettivi tal-guvni w tfajla li kienu dahlu fil-hanut flimkien. Hu stramb ukoll kif Cachia meta marret taghmel ir-rapport tas-serqa, semmiet li kienu dahlu zewg tfajliet u mhux guvni w tfajla. Forsi dan kien dovut ghall-fatt li l-imputat kellu xaghru twil kif ghandu llum jew kien liebes xi parrokka. Hu x' inhu dan l-izball manifest induca lill-Ewwel Qorti biex tikkonkludi li kien l-imputat li materjalment wettaq l-esportazzjoni tal-flus mill-cash register u li kien responsabbli ghall-"amozio de loco ad loco" li hu wiehed mill-elementi tar-reat tas-serq u li ergo hu kien l-awtur tas-serqa.

Invece, kif jissottometti l-appellant, kienet il-persuna l-ohra Lorita Pace u li kienet il-persuna li kienet fejn il-cash register li materjalment asportat u serqet il-flus minn go fih.

Pero’ dan ma jfissirx li b’ daqshekk l-appellant ma kellux jinstab hati tal-akkuza ta’ komplicita’ fis-serq li saritlu meta tressaq quddiem l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa il-provi kollha, ghandha c-certezza morali li dak li kien qed jaghmel l-appellant meta ghat-taparsi dahal biex jixtri mill-Genesis Perfumery ma kien xejn hlief finta diversiva biex biha jiddistrahi lis-salesgirl milli toqghod attenta ghal cash register sakemm Lorita Pace taghmel dak li kellha taghmel. Il-versjoni tal-fatti moghtija mill-appellant biex jispjega x’ gara dak in-nhar hi stirakkjata ghall-ahhar u xejn kredibbli. Ghalhekk ghalkemm ma tirrizultax akkuza ta’ serq tirrizulta l-akkuza ta’ komplicita’ f’ serq li fil-fatt kienet l-akkuza originali dedotta kontra l-appellant, billi hu b’ xi mod li jkun, xjentement ghin jew assista lil Lorita Pace l-awtur tas-serqa, fl-atti li bihom id-delitt kien gie preparat jew ikkunsmat skond l-artikolu 42 (d) tal-Kap.9.

Dwar il-piena, stante li skond l-artikolu 43 il-komplici f’ delitt jehel il-piena stabbilita ghall-awtur, din il-Qorti ma tarax li ghandha b’ xi mod tvarja l-piena ta’ sitt xhur prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti ghar-reat ta’ serq biss ghax issa hu qed jinsab hati tar-reat ta’ komplicita’ fis-serqa tal-Genesis Perfumery u dan specjalment meta rat il-fedina penali refrattarja tal-appellant. Lanqas ma tara li ghandha tvarja d-decizjoni tal-Ewwel Qorti li tirrendi s-sentenza ta’ sena prigunerija sospiza tat-23 ta’ Settembru, 2005, effettiva billi hu gie misjub hati li kkommetta reat waqt l-periodu operattiv tas-sentenza sospiza.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha biss fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza ta’ serq semplici mill-fond Genesis f’ San Gwann u minnflok tilliberah minn din id-dikjarazzjoni ta’ htija izda ssibu hati tal-akkuza kif dedotta originarjament kontra l-appellant u cioe’ dik ta’ komplicita’ f’ serqa semplici mill-imsemmi stabiliment a tenur tal-artikolu 42 (d) tal-Kap. 9 u dana billi b’ xi mod li jkun, xjentement ghin jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie preparat jew ikkunsmat, u tikkonfermaha fil-kumplament kollu**

**taghha u cioe' fejn ma sabitx lill-appellant hati ta' komplicita' fis-serqa mil-istabilimenti The Fixx u Ees N Jays Saloon, fejn sabitu hati tal-addebitu tar-recidiva kif ukoll li kiser il-provvediment tal-artikolu 28A maghmul b' sentenza datata 23 ta' Settembru, 2005, meta hu kien instab hati ta' ghadd ta' akkuzi ta' komplicita' f' serq u nghata sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal tlitt snin, taht ordni ta' supervizjoni, u fejn rrendiet l-istess sentenza sospiza effettiva, kif ukoll tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-appellant ghal sitt xhur prigunerija kif ukoll fejn ghalhekk ordnat li b' kollox l-appellant ghandu jaghmel tmintax il-xahar prigunerija b' kollox.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------